# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 20**

**Rikors numru 105/18 SM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1224/2014 JA mahrug fit-28 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet:**

**Alexander u Maria mizzewgin Gray Bannerman, Mhairi mart Melovan sive Emanuel Galea, Alexander, Andrew u George, ahwa Gray Bannerman, kif ukoll l-istess Maria Gray Bannerman bhala mandatarja ta' wliedha msefrin Emanuel Ian, Morag mart Peter Calleja u l-istess Peter Calleja, u Catriona, ahwa Gray Bannerman, ilkoll bhala eredi ta' Leonard Angus Gray Bannerman, in-nisa mizzewga debitament assistiti minn zwieghom**

**v.**

**John Camilleri u Joseph Camilleri f'isimhom proprju u okkorrendo l-istess John Camilleri fil-kwalita` tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta` *C.B.A. Oilfield Services Limited* (registrata C4371); u Rita Collict u l-istess John Camilleri bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` *C.B.A. Oilfield Services Limited* (registrata C7284) u b'digriet tat-13 ta' Gunju 1995 Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Vera Lungaro Mifsud gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' John Camilleri li miet fil-mori tal-appell, u b'digriet tal-14 ta' Gunju 1996 Dr Tonio Mallia u l-**

**Prokuratur Legali Davina Sullivan gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lis-socjeta` *C.B.A. Oilfield Services Limited*, u b'digriet tas-26 ta' Frar 2004 Dr. Tonio Mallia gie sostitwit b'Dr. Leslie Cuschieri**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell mid-digriet li nghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju, 2018, li permezz tieghu gie revokat il-mandat ta' inibizzjoni numru 1224/2014, mahrug mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar, 2015. Permezz tad-digriet in kontestazzjoni, l-ewwel Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti ezekutati u rrevokat il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni, peress li rrizultalha li kien hemm bidla fic-cirkostanzi kif jinsab provdut taht l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u peress li rriteniet li dak fir-rigward tar-ritrattazzjoni ma sehhx.

L-appellanti ezekutanti qeghdin jappellaw minn dak id-digriet u permezz tar-rikors taghhom u ghar-ragunijiet hemm imsemmija, qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u thassar is-sentenza tas-27 ta' Gunju, 2018, u li minflok tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1224/2014, stante li l-proceduri ta' ritrattazzjoni wara s-sentenza tas-26 ta' Jannar, 2018, ghadhom ma gewx decizi. Bl-ispejjez kontra l-appellati ezekutati.

Ghalkemm ma saret ebda risposta da parti tal-appellati, l-appellati Joseph Camilleri u Dottor Anthony Cutajar u l-PL Vera Lungaro Mifsud Mizzi bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita` gjacenti ta' John Camilleri, ipprezentaw rikors li permezz tieghu *inter alia* rrilevaw li, skont is-subinciz (5) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) tal-istess Artikolu 836.

Ikkonsidrat:

L-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> "*Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*"

Fost ir-ragunijiet imsemmija bhala raguni valida ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju u fuq liema huwa bazat ir-rikors promotur ta' Joseph Camilleri u Dottor Anthony Cutajar u l-PL Vera Lungaro Mifsud Mizzi bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita` gjacenti ta' John Camilleri nsibu l-paragrafu (f) li jghid:

> *"jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."*

Mentri s-subinciz (5) tal-Artikolu 836 imsemmi mill-appellati, jipprovdi hekk:

> *"Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors msemmi fis-subinciz (1) ta' dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli; … …"*

Minn qari semplici tal-imsemmija provvedimenti, huwa al kwantu car li ladarba l-appellati pprevalew ruhhom mid-dispost tas-subinciz (1) tal-Artikolu 836 u talbu b'success ir-revoka tal-att kawtelatorju, u cioe` tal-mandat ta' inibizzjoni 1224/2014 li nhareg fil-konfront taghhom u fic-cirkostanzi fejn it-talba taghhom giet milqugha, din il-Qorti ma tarax kif jista' jirnexxi l-appell interpost, meqjus dak li jinghad fis-subinciz (5) tal-istess Artikolu 836 appena citat.

Fi kwalunkwe` kaz, il-proceduri ta' ritrattazzjoni li fuqhom isejsu l-appell taghhom l-appellanti, qeghdin jigu decizi llum ukoll, permezz ta' sentenza fejn it-talba taghhom ghat-thassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, kif ukoll it-talba konsegwenzjali taghhom ghas-smigh mill-gdid tal-kawza, gew michuda.

Ghaldaqstant, tilqa' l-pregudizzjali tal-inappellabilita` mressqa mill-appellati, u tichad l-appell interpost mill-appellanti. Bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm